# Kunsill Lokali tal-Imqabba

## <u>Rapport Annwali Amministrattiv</u>

**2013**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 4 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 5 |
| Ir-Rapport tal-Awditur u l-*Financial Statements* | 6 |

## 2.1 Is-sitt leġislatura tal-Kunsill

| Inkarigu | Parteċipazzjoni f'laqgħat |
|---|---|
| Sur Emanuel (Noel) Galea (Sindku) | 100.00% |
| Sur Charles Farrugia (Deputat Sindku) | 50.00% |
| Sur Nicholas Briffa (Kunsillier) | 83.30% |
| Sinjorina Grace Marie Mallia (Kunsillier) | 66.66% |
| Sur Paul Spiteri (Kunsillier) | 83.30% |

**Is-seba' leġislatura tal-Kunsill**

| Inkarigu | Parteċipazzjoni f'laqgħat |
|---|---|
| Sur Nicholas Briffa (Sindku) | 100.00% |
| Sinjorina Charlene Zammit (Viċi Sindku) | 81.25% |
| Sur Michele Farrugia (Kunsillier) | 62.50% |
| Sinjorina Grace Marie Mallia (Kunsillier) | 100.00% |
| Sur Paul Spiteri (Kunsillier) | 92.86% |

**Impjegati**

Sur Anthony Bonello (Segretarju Eżekuttiv) 100%

Sinjorina Valerie Galea (Uffiċjal Eżekuttiv)

Sinjorina Kylie Anthea Fenech (Skrivana)

### 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill



Matul din is-sena ġiet fi tmiemha is-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li kienet twila daqs l-ewwel żewġ leġislaturi flimkien ta' dan il-Kunsill. Dan seħħ għall-ewwel darba għaliex it-tibdil minn tlieta għal ħames snin ġara f'nofs il-leġislatura wara li l-Gvern Ċentrali kien irreveda l-perjodu bħala parti mill-eżerċizzju tar-riforma li seħħ fl-2009. Sa mill-2012, ir-residenti issa bdew jesprimu x-xewqa tagħhom biex jeleġu kunsill ġdid kull erba' snin f'kull belt u raħal. Dan affettwa wkoll is-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali għaliex matul l-ewwel circa erbatax-il sena ta' Kunsilli Lokali, is-sena finanzjarja kienet tispiċċa fil-31 ta' Marzu, meta issa din tispiċċa mas-sena kalendarja. Għaldaqstant is-sena 2013 kienet komposta b'żewġ amministrazzjonijiet differenti, is-sitta u s-seba' leġislatura. Fid-9 ta' Marzu, 2013, l-eletturi tefgħu il-vot tagħhom u s-seba' Kunsill daħal għax-xogħol tiegħu fl-1 ta' April, 2013. It-tibdil kien kif deskritt. Noel Galea li serva bħala Sindku fis-sitt legislatura kien eleġut bħala kunsillier fis-seba' leġislatura u tefa' r-riżenja tiegħu ftit ġranet wara fejn b'elezzjoni każwali, imtela' l-post vacant minn Paul Spiteri li wkoll kien kunsillier fis-sitt leġislatura. Grace Marie Mallia li kienet kunsillier fis-sitt leġislatura, reġgħet sabet postha bħala kunsillier fis-seba' leġislatura filwaqt li Nicholas Briffa li wkoll kien kunsillier fis-sitt leġislatura inħatar sindku fis-seba' leġislatura. Il-post vakant tal-Viċi Sindku li serva fis-sitt leġislatura, peress li dan ma reġgħax ikkontesta l-elezzjonijiet lokali imtela minn Charlene Zammit fis-seba' leġislatura, filwaqt li Michele Farrugia ingħaqad mal-kunsillieri biex iffurmaw il-ħames kunsillieri minn April, 2013.



Matul l-ewwel tliet xhur tlesta l-programm pilota tal-kostruzzjoni ta' toroq fl-Imqabba fejn kif kien irrappurtat fil-fuljett ħarġa tmintax tal-Kunsill, tlestew 34 triq/sqaq għas-somma ta' €600,000 li ntemmu fl-2013. L-aħħar toroq kienu Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Parti minn Triq il-Fjuri u Sqaq Numru 1, 3 u 4 fi Triq il-Parroċċa. Imbgħad f'Marzu, 2013 kien inawgurat il-Proġett ta' Tisbieħ fejn nistgħu nilqgħu it-turisti fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Dan kien iffinanzjat 75% mill-Unjoni Ewropeja u 25% minn fondi lokali li ħarġu minn fond ta' ko-finanzjament maħluq apposta mill-Gvern Ċentrali biex isostni l-ispejjez tal-Kunsilli Lokali. Il-proġett fih innifsu ma kienx jikkonsisti biss f'tisbieħ ta' zoni rurali kif jixhed l-isem tal-programm tal-Unjoni Ewropeja, iżda wkoll it-tpoġġija ta' Wi-Fi fiz-zona sabiex kull min imur hemm biex jibda l-mixja tiegħu mill-katakombi tal-Mentna ikun jista' jaċċessa l-informazzjoni pprovduta fuq sit elettroniku http://heritageimqabba.com li kien maħluq apposta u wkoll parti mill-istess proġett.





Photo: Dai- Omar Camilleri

L-ewwel żewġ arranġamenti għat-traffiku saru bl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Dik temporanja fejn it-traffiku quddiem l-Iskola ma jidħolx aktar fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-Iskola mit-tfal fi Triq Valletta. Arranġamenti oħrajn intlaħqu wara li kkonsultajna lill-Kunsilli Lokali tal-viċin ukoll sabiex Triq Ħal Kirkop tkun one way għat-traffiku fid-direzzjoni lejn Triq Ħal Kirkop. Dan sabiex nevitaw xi inċident f'din t-triq tant dejqa u perikoluża mibnija fuq il-ħitan tas-sejjiegħ fejn kulħadd kien qed isib diffikulta' jirriversja biex jgħaddi t-traffiku. Kien hemm qbil ukoll fuq l-immaniġġjar aħjar tat-traffiku fi Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq Ħal Kirkop. Infatti saru xi marki tat-traffiku proposti mill-Perit tal-Kunsill biex f'din il-parti tkun indirizzata l-problema ta' sigurta' għas-sewwieqa.



Laqgħa mportanti oħra saret mar-residenti ta' Triq San Mikiel f'żona pedonali. Mhux minħabba xi oġġezzjonijiet minnhom biss dwar l-aċċessibilita' f'din it-triq, iżda wkoll biex tindirizza l-problema tal-ilma tax-xita li jaqa' fl-inħawi tal-Matla. Intant aktar 'il quddiem għoliet il-bankina fi Triq il-Qattara sabiex l-istess ilma ma jkomplix dieħel fid-djar.

Bħal kull sena oħra, konna involuti fl-immaniġġjar temporanju tat-traffiku fil-festi li jiġu ċċelebrati fir-raħal tagħna. Dan kien jinkludi laqgħat mal-Gwardjani sa mit-13 ta' Mejju, 2013 peress li l-kuntrattur tal-infurzar tal-liġi inbidel minn Sterling Security għal Guard and Warden House wara d-dħul tar-Reġjuni fis-seħħ flok il-Kumitati Konġunti.



Charles u Anna Azzopardi flimkien mal-eks Sindku tal-Imqabba, is-Sur Emanuel (Noel) Galea kienu onorati bil-premju 'Ġieħ l-Imqabba 2013' imniedi mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba f'serata mużikali nhar is-26 ta' Ottubru, 2013 fil-Kulleġġ San Beneditt, sala tal-Iskola Primarja Mqabba. Charles u Anna Azzopardi kienu rikonoxxuti diġa' mill-istat għall-ħidmiethom siewja fil-qasam tal-fostering u għalhekk kien propizju illi l-Kunsill Lokali tal-Imqabba jagħti dan l-unur lill-din il-koppja għax-xogħol umanitarju fost iċ-ċkejknin. Ir-rikonoxximent lill-eks Sindku Noel Galea ingħata wara li dan serva għal sitt snin bħala Sindku u disa' snin bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Is-serata kienet ippreżentata minn żewġ studenti tal-Iskola Primarja, Antheos Spiteri u Anton Camilleri, li ingħataw spazju importanti biex flimkien mal-preżentatriċi Angie Casha jagħtu informazzjoni utli fuq il-biċċiet tal-mużika li tkun se tindaqq minn Banda King George V fi ħdan is-Soċjeta' Sta Marija taħt id-direzzjon tal-abbli Mro David Agius.





mal-arblu twil jiżloq li ntrama fil-Pjazza tal-Knisja. Dawn iż-żgħażagħ ikkompetew bejniethom biex iġibu l-bandiera li kien hemm propju fuq dan l-arblu. Matul din l-attivita' li saret il-Ħadd fil-għodu, diversi kabbani kienu armati bl-għasel, ikel tradizzjonali malti u saħansitra wirjiet tal-arti bħall-pittura, skultura, ganutell ecc. Fl-isfond kien hemm *mass band* iffurmata minn mużiċisti ġejjin miż-żewġ baned tar-raħal, dik tas-Soċjeta' Santa Marija kif ukoll dik tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju kif ukoll mużika oħra live fuq palk armat apposta fuq tema *country*. Xi żeffiena wkoll dehru jiżfnu żfin tradizzjonali filwaqt li l-karozzin u karozza tal-linja mill-antiki kienu qed joffru rikba b'xejn lil kull min xtaq li jdur dawra mar-raħal. Fi Triq Karmenu Ciantar imbgħad kien hemm wirja ta' karozzi antiki mill-Ford Model Cars. Siti ta' mportanza storika bħall-katakombi tal-Mentna, il-Kappella ta' San Bażilju, il-Kappella ta' San Mikiel, il-Kappella tad-Duluri u l-Kappella ta' Santa Katerina, kienu miftuħin b'xejn għall-pubbliku.



Id-19 ta' Novembru, 2013 tibqa' wkoll imniżżla bħala data storika għall-Imqabba. Dan għaliex flimkien mal-ħames kunsillieri tal-Imqabba, ingħaqdet għall-ewwel darba l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ, Ms Maria Zammit fuq il-mejda tad-diskussjoni tal-Kunsill. Din l-inizjattiva hija marbuta mal-Vot 16 li tagħti l-opportunita' liż-żgħażagħ sabiex isemmgħu leħinhom waqt il-laqgħat tal-Kunsill minkejja li m'għandiex vot.



Diversi gruppi ta' persuni li qatt qabel ma kellhom l-opportunita' jidħlu fis-sit tal-Isptar il-Qadim ingħataw iċ-ċans meta nhar il-15 ta' Ottubru, grupp ta' anzjani Rabtin daru mas-siti storiċi tar-raħal tagħna u wkoll daqu ftira mħawwra bit-tonn taż-żejt waqt il-ħin tal-mistrieħ tagħhom bejn tazza te u oħra. Dan is-sit ukoll kien il-fond li fih inżammet wirja ta' pittura *Versatility*, mill-artista mqabbija nhar l-24 ta' Novembru, 2013. Din kienet inawgurata mis-Sindku is-Sur Nicholas Briffa, fil-preżenza tal-Ministru tat-Turiżmu l-Onor Karmenu Vella fejn faħħar l-esebiti tal-artista Olandiża, Ms Annemarie Hoogvliet-Weijers li bi pjaċir ngħidu li hija residenti Mqabbija.




Proġett ieħor importanti biex il-Kunsill Lokali tal-Imqabba iħabbeb il-ktieb mat-tfal, kien dak ta' hekk imsejħa *book box*. Din hija kaxxa tat-telefon pubblika li qed tinamm qrib il-Muniċipju sabiex minnha t-tfal jidħlu u jisselfu l-kotba li jixtiequ huma 24x7 – faċilita' li lanqas mill-librerija lokali m'hi possibbli li tingħata mingħajr ħlas. Dan il-proġett ma sewa' xejn lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba ħlief l-inkarigu li joħroġ offerta pubblika, għaliex kien kollu kemm hu ffinanzjat mill-Gvern Ċentrali permezz ta' skema lokali li kienet ħarġet fis-sena ta' qabel.

Proġett simili kien dak ta' tpoġġija ta' cctv cameras f'zoni pubbliċi. Dawn tpoġġew fi Ġnien Tfal ir-Raħal kif ukoll f'Misraħ il-Fidwa. Fiż-żewġ siti hemm il-bandli tat-tfal u f'dak tal-ewwel, dawn il-cameras qed iħarsu wkoll gabbana,



teatru griek, latrina pubblika u monument storiku li kien twaqqaf fil-*Housing Estate* meta kien inawgurat l-istess ġnien pubbliku għar-rekrejazzjoni tal-pubbliku.

Xewqa oħra tal-awtoritajiet ċentrali kient tikkonsisti f'aktar trasparenza fl-operat tal-Kunsill Lokali. Mhux biss waqt il-laqgħat tal-Kunsill fejn il-pubbliku jkun mistieden jattendi mingħajr ma jipparteċipa fil-laqgħat, iżda wkoll fil-ftuħ ta' offerti pubbliċi fejn il-kuntratturi jkunu b'sebgħa għajnejn għal dak kollu li jkun ħiereġ mill-kaxxa tal-offerti. Din it-trasparenza tirrifletti wkoll fis-serjeta' tal-Kunsill u wara li solvejna problemi tekniċi marbutin mal-ispeed tal-internet, li fil-verita' swielna linja telefonika addizzjonali, minn dan is-servizz se jgawdi l-pubbliku li jkun jista' jsegwi mill-kumdita' ta' daru dak kollu li jseħħ madwar il-mejda tad-deċiżjonijiet.





Skema oħra lokali li minnha wkoll ibbenefika l-Kunsill Lokali tal-Imqabba, minkejja li mhux daqs kemm kien maħsub primarjament, kienet dik ta' restawr ta' żewġ statwi bil-pedestalli b'kollox. Dawn huma l-istatwi tal-Immakulata Kunċizzjoni kif ukoll dik ta' Giulio Moschetti magħmula kollha kemm hi minn taħlita sigrieta tal-artist, ta' pasta qisha tafal. Fuq din l-istatwa ta' San Franġisk, kienu diġa saru interventi oħra fl-antik saħansitra mill-ewwel leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Din id-darba kien imiss restawr qawwi fil-pedestall li minħabba fih kienet se tikkrolla l-istess statwa. Ir-riżultat issa jurina l-ġid kbir li wettaq il-Kunsill fil-qasam kulturali biex nipproteġu il-Pjazza tal-Mentna fejn faċċata ftit tax-xhur ilu sibna wkoll qabar ma' dawk li diġa' kienu skavati – il-katakombi tal-Mentna.



Irridu nagħlqu dan ir-rapport billi niddikjaraw li minkejja dawn ix-xogħlijiet kapitali li saru kif muri wkoll bir-ritratti f'dan ir-rapport, saru wkoll xogħlijiet ta' tindif mhux biss ta' toroq iżda wkoll ta' mkejjen oħra pubbliċi bħal gandotti tal-ilma tax-xita, ġibjun il-miftuħ u bla dubju toroq rurali. Il-ġibjun il-miftuħ irridu ngħidu li issa sar żgħir wisq għaliex f'din l-inħawi li kien mibni sar ħafna żvilupp u mal-ewwel ftit xita ifur u l-ilma jmur fid-djar. Għaldaqstant qed ikun ippjanat li fis-snin li ġejjin jinbena ġibjun addizzjonali ftit aktar 'l isfel minn dak preżenti. Dan sabiex jinħażen l-ilma tax-xita u 'il

**Organizzazzjoni**

L-istruttura organizzattiva.



## L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2013<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2013<br>ESTMI<br>€ | c<br>2012<br>ATTWALI<br>€ | a-b/b-a<br>VARJANZA<br>ATTWALI/ ESTMI<br>€ | a-c/c-a<br>VARJANZA<br>ATTWALI<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 252,950.08 | 249,725.00 | 310,871.00 | 3,225.08 | (57,920.92) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 9,354.52 | 15,300.00 | 8,352.00 | (5,945.48) | 1,002.52 |
| 0090 | L-Investiment | 344.84 | 250.00 | 562.00 | 94.84 | (217.16) |
| 0100 | Ġenerali | 321.50 | 100.00 | 3,015.00 | 221.50 | (2,693.50) |
| | **TOTAL** | **262,970.94** | **265,375.00** | **322,800.00** | **(2,404.06)** | **(59,829.06)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 77,157.66 | 72,300.78 | 72,840.00 | (4,856.88) | (4,317.66) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 175,829.56 | 166,074.22 | 163,336.00 | (9,755.34) | (12,493.56) |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 35,500.00 | 27,000.00 | 796,441.00 | (8,500.00) | 760,941.00 |
| | **TOTAL** | **288,487.22** | **265,375.00** | **1,032,617.00** | **(23,112.22)** | **744,129.78** |
| | **Bilanċ** | **(25,516.28)** | **0.00** | **(709,817.00)** | **(25,516.28)** | **(803,958.84)** |

**Noti:**
Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2013<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2013<br>ESTMI<br>€ | c<br>2012<br>ATTWALI<br>€ | a-b<br>VARJANZA<br>ATTWALI - ESTMI<br>€ | a-c<br>VARJANZA<br>ATTWALI<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Id-Dħul | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 241,998.00 | 246,225.00 | 248,246.00 | (4,227.00) | (6,248.00) |
| 0002 | Supplimentari | 10,952.08 | | 8,668.00 | 10,952.08 | 2,284.08 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | 3,500.00 | | (3,500.00) | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | | | 53,957.00 | | (53,957.00) |
| | | **252,950.08** | **249,725.00** | **310,871.00** | **3,225.08** | **(57,920.92)** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 300.00 | | | 300.00 | 300.00 |
| 0023 | Attivitajiet Kulturali (kontribuzzjonijiet/donazzjonijiet) | | | | | |
| 0034 | Gandotti (re-charge income account) | | | | | |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | | 4,500.00 | 3,525.00 | (4,500.00) | (3,525.00) |
| 0037 | Każijiet Sentenzjati | | | 1,961.00 | | |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 9,054.52 | 10,800.00 | 2,866.00 | (1,745.48) | 6,188.52 |
| | | **9,354.52** | **15,300.00** | **8,352.00** | **(5,945.48)** | **2,963.52** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 344.84 | 250.00 | 562.00 | 94.84 | (217.16) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **344.84** | **250.00** | **562.00** | **94.84** | **(217.16)** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 321.5 | 100.00 | | 221.50 | 321.50 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | 3015 | | (3,015.00) |
| | | **321.5** | **100.00** | 3015 | 221.5 | -2693.5 |
| | TOTAL | **262,970.94** | **265,375.00** | **322,800.00** | **(2,404.06)** | **(57,868.06)** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI € | 2013 ESTMI € | 2012 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI-ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 6,696.00 | 5,400.00 | 6,508.00 | (1,296.00) | (188.00) |
| 1101 | Allowance tad-Deputat/Sindku u l-Kunsillieri | 6,130.00 | 6,500.00 | 6,400.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 51,191.82 | 44,000.00 | 55,400.00 | (7,191.82) | 4,208.18 |
| 1300 | Bonus | 5,506.06 | 7,000.00 | | 1,493.94 | (5,506.06) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 4,928.20 | 4,500.00 | 4,532.00 | (428.20) | (396.20) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | | | | |
| 1700 | Sahra | 2,705.58 | 4,900.78 | | 2,195.20 | (2,705.58) |
| 1800 | FSS Arrears | | | | | |
| | | **77,157.66** | **72,300.78** | **72,840.00** | **(5,226.88)** | **(4,587.66)** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 9,090.19 | 5,000.00 | 5,153.00 | (4,090.19) | (3,937.19) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 1,598.04 | 826.25 | 2,376.00 | (771.79) | 777.96 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 26,191.47 | 52,749.00 | 16,336.00 | 26,557.53 | (9,855.47) |
| 2400 | Kera | 1,606.65 | 2,100.00 | 2,096.00 | 493.35 | 489.35 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 5,524.00 | 250.00 | 233.00 | (5,274.00) | (5,291.00) |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 4,735.75 | 4,000.00 | 5,641.00 | (735.75) | 905.25 |
| 2700 | Trasport | 2,566.59 | 500.00 | 1,738.00 | (2,066.59) | (828.59) |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | | | 0.00 | | |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 2,797.67 | 2,000.00 | 4,466.00 | (797.67) | 1,668.33 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 93,180.16 | 92,261.23 | 90,889.00 | (918.93) | (2,291.16) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 10,250.80 | 2,000.00 | 13,290.00 | (8,250.80) | 3,039.20 |
| 3200 | Taħriġ | 591.37 | 287.74 | 0.00 | (303.63) | (591.37) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 14,606.15 | 3,000.00 | 14,872.00 | (11,606.15) | 265.85 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | | | 1,938.00 | | 1,938.00 |
| 3600 | Infurzar tal-Liġijiet | 3,090.72 | 1,100.00 | 4,308.00 | (1,990.72) | |
| | | **175,829.56** | **166,074.22** | **163,336.00** | **(9,755.34)** | **(13,710.84)** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | 0.00 | | | | |
| 7200 | Titjib | 4,763.00 | | 613.00 | (4,763.00) | (4,150.00) |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 7,423.00 | | 7,855.00 | (7,423.00) | 432.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 23314.00 | 27,000.00 | 787973.00 | 3,686.00 | 764,659.00 |
| | | **35,500.00** | **27,000.00** | **796,441.00** | **(8,500.00)** | **760,941.00** |
| | **TOTAL** | **288,487.22** | **265,375.00** | **1,032,617.00** | **(23,482.22)** | **742,642.50** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

5.1 Kontijiet

**Bilanċi mqabbla mal-kotba:**

| | | |
|---|---|---|
| Nominal Code 5002 | BOV Current Zurrieq (inactive) | €0.30 |
| Nominal Code 5003 | BOV Savings LES Operating Account | €59,759.52 |
| Nominal Code 5004 | BOV Savings Zurrieq (inactive) | €792.35 |
| Nominal Code 5005 | BOV LES Bank Payment Savings | €7,739.96 |
| Nominal Code 5007 | BOV Savings Mqabba | €23,270.07 |
| Nominal Code 5008 | BOV Current Mqabba Branch | €11,064.24 |
| Nominal Code 5015 | BOV Measure 313 (Savings ac) | €8,933.77 |
| Nominal Code 5016 | BOV Current Account | €-19402.10 |

5.2 Cash in Hand

| | | |
|---|---|---|
| Nominal Code 5010 | Petty Cash float | €100 |
| Nominal Code 5013 | Employees' Cash float | €150 |

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv